MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2006

Appell Civili Numru. 24/2005

**Gordon Mizzi**

**vs**

**Consolidated Holdings Ltd, The General Soft Drinks Co. Ltd, Kastell Limited, Titan International Limited, Mizzi Ltd, Mizzi Holdings Ltd, Mizzi Brothers Ltd, Festa Holdings Limited, Mizzi Estates Limited, Festa Limited, St. Paul's Court Limited, Continental Cars Ltd, Mizzi Insurance Agency Ltd, Russian Motors Ltd, Nissan Motor Sales Ltd**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta' Ottubru 2005, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal jirreferi ghad-Decizjoni Preliminari Numru 1488 li ta fit-23 ta' Frar 2004 fejn iddikjara li jillimita ruhu biex jisma' sottomissjonijiet dwar xi drittijiet li seta' kellu l-

appellant ghal risponsabbiltajiet fit-tmexxija ta' Mizzi Insurance Agency u, jekk ikun il-kaz, ta' xi kumpaniji sussidjarji ohra.

It-Tribunal ikkunsidra s-sottomissjonijiet tal-partijiet u rrefera ghad-dokumenti prezentati u x-xhieda li nghatat qabel id-Decizjoni Preliminari.

Jirrezulta li l-appellant kien qed jircievi hlas ta' Lm 5000 fis-sena ghar-risponsabbiltajiet li kellu bhala direttur manigerjali ta' Mizzi Insurance Agency. Din fi Frar 2000 itterminat il-Kuntratt ta' Agency ma' Middlesea Insurance plc, waqfet tipprovdi poloz godda u bdiet il-*claims run off period.* B' ittra datata 25 ta' Ottubru 2000 l-appellant gie nfurmat li kien se jithallas ghall-ahhar darba ghax-xahar ta' Settembru 2000 minhabba li l-kumpanija kienet waqfet topera. Il-Kumpaniji qalu li f' Settembru 2000 kien **kwazi wasal fl-ahhar ir-*run off period* izda ma qalux kemm kien fadal.**

Gie stabbilit li l-appellant waqaf jithallas f' Ottubru 2000 ghal risponsabbiltajiet konnessi ma' Mizzi Insurance Agency izda tnehha minn direttur manigerjali fid-19 ta' Dicembru 2002, aktar minn sentejn wara.

Il-Kumpaniji qalu li f' Settembru 2000 ir-***run off period* kien kwazi wasal fl-ahhar** izda ma qalux kemm kien fadallu u anqas gabu provi meta dan spicca. Mizzi Insurance Agency, ghalkemm ma baqghetx topera fis-sens li waqfet tipprovdi poloz godda ta' assigurazzjoni, ma gietx likwidata sa meta tnehha minn direttur l-appellant.

It-Tribunal jikkonsidra illi r-risponsabbiltajiet ta' l-appellant naqsu meta ma baqghux jigu provduti poloz ta' assigurazzjoni godda izda sa kemm baqa' direttur manigerjali ta' kumpanija ezistenti baqa' jgorr ir-risponsabbilta ghal dak li sar u ghall-obbligi li assumiet. Baqa' jgorr ukoll dawk ir-risponsabbiltajiet u obbligi li jimponi fuq diretturi l-Att XXV ta' l-1995 li jirregola kumpaniji b' risponsabbilta limitata u socjetajiet kummercjali.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jistma li l-appellant ghandu jithallas mill-Kumpaniji l-ammont ta' Lm 5500 (hamest elef u hames mitt lira) stmati fuq bazi ta' nofs l-ammont li kien ikun dovut lilu ghall-perijodu mill-ewwel ta' Ottubru 2000 sad-dsatax ta' Dicembru 2002. Jordna li dan il-hlas ghandu jsir mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2005.

It-Tribunal ma jilqax it-talba ta' l-appellant dwar Mizzi Estates Ltd. ghaliex ma jirrezultax li kien isirlu hlas konness ma' din il-kumpanija taht l-arrangamenti kif specifikati fid-Decizjoni Preliminari.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm40 (erbghin lira).

B' hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol."

L-obbjezzjoni principali kontra din is-sentenza tat-Tribunal Industrijali, kif impustata mis-socjetajiet intimati, hi dik li s-sentenza tippekka in kwantu bazata fuq apprezzament zbaljat tal-provi u applikazzjoni u nterpretazzjoni zbaljata tal-ligi. Huma jissottomettu illi t-Tribunal adit kellu jqis *fuori termine* r-rikors promotur prezentat lilu. Dan fuq l-assunt illi l-perijodu statutorju ta' erba' xhur li jsemmi l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452) ghall-prezentata tal-kaz tal-ksur allegat kellu jitqies li ddekorra minn Settembru 2000, ossija minn meta twaqqfu l-kariga u l-hlas tar-rimunerazzjoni ta' l-appellat;

Bi twegiba ghal dan l-aggravju, l-appellat jissolleva dan li jsegwi:-

(i) L-appell interpost hu rritu u null ghar-raguni li t-Tribunal iddecieda biss valutazzjoni tal-fatti;

(ii) L-appell hu ristrett ghad-decizjoni finali (10 ta' Ottubru 2005) u ntalab biss ir-riforma taghha in kwantu jikkoncerna s-socjeta` appellanti Mizzi Insurance Agency

Limited. Li jfisser, skond l-appellat, illi ma sar ebda appell mid-decizjoni preliminari tat-23 ta' Frar 2004 u lanqas appell in kwantu d-decizjoni finali ordnat lil Grupp kollu responsabbli ghall-hlas tal-kumpens likwidat. Dejjem skond l-appellat, l-appell allura, kif formulat, ghandu jitqies insostenibbli;

(iii) Fil-meritu, id-decizjoni hi gusta u temmerita konferma;

Huwa ferm logiku illi l-ewwel kwestjoni li din il-Qorti jehtiegilha tinvesti tirrigwarda l-irritwalita` sollevata b' eccezzjoni mill-appellat;

Skond il-Kodici ritwali taghna – Kapitolu 12 – l-appell hu mezz ta' impunjattiva tas-sentenza fuq il-presuppost li dik is-sentenza hi r-rizultat ta' apprezzament ingust jew zbaljat tal-provi jew tal-principju tad-dritt ghall-fatti. In generali, hu pacifiku wkoll illi l-gudizzju fil-meritu hu mholli ghall-valutazzjoni diskrezzjonali tal-qorti jew tat-tribunal ta' l-ewwel grad. *Ope legis* fil-kaz tad-decizjonijiet tat-Tribunal specjali adit din l-impunjattiva hi, ex-Artikolu 82 (3) tal-Kapitolu 452, limitata ghall-<u>punt ta' ligi</u> biss;

Ghandu jigi rilevat illi kif intqal bosta drabi ohra, b' referenza ghal ligijiet ohra li bhal dik in ezami jaghtu dritt ta' appell fuq punt ta' ligi, ma hemmx bzonn li l-punt ta' ligi jigi espressament definit bis-sentenza appellata. Dan ghaliex ukoll, a differenza ta' ligijiet ohra (Kapitoli 69 u 356) l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali dan ma jghidux. Jitqies sufficcjenti "li l-punt ta' ligi li fuqu jsir l-appell jirrizulta involut jew implicitu fid-decizjoni, in kwantu d-decizjoni tkun ittiehdet bis-sahha tal-principju interpretattiv tal-ligi li r-rikorrenti jikkontesta" ("**Grazio Muscat -vs- Wilfred Podesta *nomine***", Appell Civili, 7 ta' Mejju 1956);

Affermat dan, jidher minn dak li setghet tintravvedi din il-Qorti illi l-kontestazzjoni ewlenija tas-socjetajiet appellanti taggira dwar l-aspett incidentali mqajjem fil-kors tal-procediment quddiem it-Tribunal dwar jekk l-appellat odjern ipprocediex fit-terminu utli ghall-proponiment ta' l-azzjoni tieghu quddiem it-Tribunal. Ghalkemm mhux specifikatament individwat fil-korp tar-rikors ta' l-appell, il-Qorti tifhem li l-appellanti qeghdin jirrikollegaw l-impunjattiva taghhom tas-sentenza appellata ghal dak li jinghad fl-Artikolu 75 (3) ta' l-Att, jigifieri li r-riferiment lit-Tribunal irid isir "mhux aktar tard minn erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat";

M' hemmx dubju, tenut rigward tal-gravita` tal-konsegwenzi fuq id-dritt guridiku formanti oggett tat-tutela privileggjata mil-ligi, in partikulari fil-kaz ta' licenzjament allegatament ingust, illi l-accertament tad-data effettiva tat-temm ta' l-impjieg ried isir b' mod akkurat u rigoruz. Dan bl-iskop li tigi stabbilita l-manifestazzjoni univoka ta' dik il-volonta` f' min ihaddem li jkun qed item ir-rapport principal-impjegat. Fuq kollox, li din l-istess volonta` tkun giet komunikata b' mod idoneju lill-kontroparti;

Huwa bil-wisq logiku li ezercizzju bhal dan jimporta l-valutazzjoni tal-provi skond ir-rizultanzi istruttorji. Fl-ezami ritwali li ghamlet din il-Qorti taz-zewg decizjonijiet tat-Tribunal f' dan il-kaz – anke jekk ikollu jigi rilevat illi l-appell hu x' aktarx ristrett ghal wahda minnhom biss u mhux ghat-tnejn – jirrizulta li t-Tribunal ghamel indagini meqjusa tal-fatti in kwantu ghar-rapport ta' impjieg, ezamina meta sehhet l-estinzjoni valida ta' dan l-istess rapport, u ghadda biex iddetermina li ma kienx hemm da parti ta' l-appellat abdikazzjoni tad-dritt tieghu bit-trapass taz-zmien ghat-tutela ta' dan l-istess dritt konness mar-raguni tar-rapport tax-xoghol, kif hekk ritenut mis-socjetajiet appellanti. L-investigazzjoni tat-Tribunal ikkomprendiet verifika adegwata bazata fuq l-interpretazzjoni tal-fatti u ta' dik il-valutazzjoni fil-konkret ta' l-imgieba fl-appellat li hu baqa' jgorr ir-responsabilitajiet manigerjali sakemm tnehha minn din il-funzjoni fid-19 ta'

Dicembru 2002. Ghat-Tribunal deher ovvju mill-provi attendibbli li l-volonta` tas-socjetajiet appellanti li jtemmu l-kariga ta' direttur manigerjali ta' l-appellat giet esternata f' din id-data u mhux fid-data prezunta mill-kumpanija;

Indubitament, l-accertament tat-Tribunal ghal fini li jigi stabbilit r-rapport dedott fil-gudizzju u tat-temm ta' l-istess rapport, bhala presupposti necessarji ghas-soluzzjoni tal-vertenza quddiemu, jibqa' wiehed merament ta' indagini fattwali. In kwantu tali, anke kieku si trattava minn impunjattiva ta' decizjoni minn qorti jew tribunal ordinarju, dak l-accertament tal-fatti kien jitqies incensurabbli minn din il-Qorti ta' revizjoni, una volta d-decizjoni tkun tinsab sorretta minn motivazzjoni kongruwa. *Multo magis*, imbaghad, fejn l-appell lil din il-Qorti hu, fil-kaz in ispecje, limitat biss ghall-punt ta' ligi;

Kif taraha din il-Qorti, il-pretensjoni tas-socjetajiet appellanti hi wahda sostanzjalment bazata fuq ir-rikostruzzjoni taghhom tal-fatti tal-kawza. Dan pero` mhux bizzejjed biex jipparalizza d-deklaratorja ta' l-inammissibilita` ta' l-appell pretiza mill-appellat u minn norma tal-ligi fl-Artikolu 82 (3) ta' l-Att. Ir-raguni hi ben cara. L-appell ma ghandu ebda korrispondenza ghall-mudell legali ta' impunjazzjoni li trid il-ligi;

Din il-konkluzjoni hi anke sostenuta minn referenza ghal kazistika Ingliza fuq is-suggett:

1. Konsiderat objettivament, jekk rapport ghandux jew le, attributi ta' kuntratt ta' impjieg, din hi materja ta' fatt. Ara "**Massey -vs-Crown Life Insurance Co**" [1978] u "**Davies -vs- Presbyterian Church of Wales**" [1986];

2. Hi wkoll kwestjoni ta' fatt jekk l-impjegat applikax fiz-zmien utli jew "*reasonably practicable to claim*" ghal konsegwiment tad-dritt tieghu li hu jallega li gie vjolat. *Vide* "**Palmer -vs- Southend on Sea BC**" [1984];

Ferma din il-konkluzjoni, is-sottomissjonijiet ta’ l-appellanti ma jistghux ikunu lilhom ta’ vantagg ghall-akkoljiment ta’ l-appell. Lanqas ma hu necessarju li din il-Qorti tinoltra ruhha fis-sottomissjonijiet l-ohra ta’ l-appellat, una volta qed jigi determinat li l-appell, kif koncepit, jikkonsisti fundamentalment minn kontestazzjoni tal-gudizzju tat-Tribunal dwar l-indagini u l-valutazzjoni tieghu tal-fatti quddiemu.

Ghal dawn il-motivi, bl-akkoljiment ta’ l-eccezzjoni ta’ l-appellat ta’ l-inappellabilita` tad-decizjoni tat-Tribunal Industrijali, l-appell lilha devolut qed jigi rigettat u s-sentenza tat-Tribunal adit ikkonfermata, bl-ispejjez kontra s-socjetajiet appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------